**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2017**

**Talba numru 177/2017 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 30**

**Joseph Anthony O' Connor (K.I. 55088A)**
**90, Mondorosa**
**Triq San Pawl**
**Naxxar**

**Vs**

**Coral Shipping International Limited (C-67405)**
**Avalon Court**
**Basement Level**
**Triq Patri Wistin Born**
**Marsaskala**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fil-05 ta' April, 2017 li permezz tieghu l-attur talab minghand is-socjeta konvenuta l-hlas tas-somma ta' elf seba' mija u sitta u ghoxrin ewro (€1,726) rapprezentanti spejjez zejda inkorsi mill-attur sabiex il-

bastiment (tug boat) MV Almog li nbiegh lis-socjeta' konvenuta seta' jidhol fil-Port ta' Cipru fuq struzzjonijiet tal-istess socjeta' konvenuta.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma deher hadd in rapprezentanza tal-istess għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher biex tirrispondih u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant it-Tribunal wara li sema' lill-attur jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tal-attur tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u ghaldaqstant tordna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elf seba' mija u sitta u ghoxrin ewro (€1,726) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Av. Anna Mallia**
**Gudikant**